# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Diċembru 2021**

**Talba Nru: 159/20 JG**
**Numru fuq il-lista: 4**

**GO p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Angele Sciortino (ID 368185(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2020, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lil-konvenuta tħallasha l-ammont ta' elfejn u erbgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€2040.73), rappreżentanti servizzi reżi u mhux imħallsa, kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, dawk ta' ittra uffiċjali u l-imgħax[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż[2];

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2020, tramite liema, l-Prim Imħallef ordna li din it-talba tiġi hekk assenjata lil dan it-Tribunal kif issa presedut[3].

Ra li l-konvenuta ġiet debitament notifikata[4] iżda la ppreżentat risposta fit-terminu li trid il-liġi u lanqas rreġistrat dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2021[5];

Sema' x-xhieda ta' Paul Gatt[6];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġà ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, l-konvenuta f'dawn il-proċeduri naqset milli ssegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġiet dikjarata li kienet waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[7].

---

[2] Dok A sa Dok C, mmarkati erronjament bejn fol 2 sa 6 tal-proċess.
[3] A fol 14 tal-proċess.
[4] Bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni. Timbri tal-affissjoni jinsabu *a tergo* ta' fol 28. Estratt minn gazzetta lokali jinsab a fol 30 u dak tal-gazzetta tal-gvern jinsab a fol 31.
[5] A fol 15.
[6] Xhieda seħħet fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2021 u tinsab a fol 34 *et seq* tal-proċess.
[7] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020.

Illi jirriżulta li l-ammont mitlub huwa ben ippruvat. Mill-atti jirriżulta wkoll li l-konvenuta ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali eżebita in atti[8].

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentanta tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen, u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati[9] u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' elfejn u erbgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€2040.73), bl-imgħax legali mit-18 ta' April 2017[10] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1036/17[11], jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[8] Timbru relattiv jinsab *a tergo* ta' fol 6 tal-proċess.
[9] L-ammont indikat, kif speċifikat fid-dettal fl-Avviż tat-Talba jirriżulta ppruvat mid-dokumenti annessi.
[10] Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali eżebita u dan a tenur tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[11] Debitament notifikata u tinsab a fol 6 tal-proċess.